**17 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Grazio Pace

**Traffiku — Trasferiment ta' Vejikolu tal-Mutur — Avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija — Art. 57 u 60 tal-Kap. 68 — Reg. 25 tar-Regolamenti tat-Traffiku.**

*Ir-regolament li jobliga lil kull min ikun xtara jew li tkun ġiet lilu trasferita vettura tal-mutur li jagħti avviż bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija, biex il-liċenza tiġi reġistrata f'ismu u jħallas id-dritt tat-trasferiment, tissupponi li jkun sar negozju u trasferiment li jista' jkollu effetti ġuridiċi.*

*U billi kull trasferiment ta' vejikolu tal-mutur irid isir, skond il-liġi, per mezz ta' skrittura, u fin-nuqqas ta' din l-iskrittura ma jiswiex, u dan in-nuqqas iġib nullità jew ineżistenza "ipso jure" tal-istess trasferiment, min ikun akkwista karrozza tal-mutur mingħajr skrittura ma jikkommettix il-kontravvenzjoni ta' min jonqos li jagħti lill-Kummissarju tal-Pulizija l-avviż fuq imsemmi.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta fl-ismijiet premessi tas-6 ta' Mejju 1960, li biha l-imputat ġie misjub ħati (1) li fl-20 ta' Jannar 1960 saq

van numru 1194 meta kellu l-liċenza tas-sewqan sospiża b'sentenza tal-istess Qorti, (2) li fl-istess jum saq van li ma kienetx liċenzjata għas-sena 1960, (3) li saq l-istess van bla polza tas-sigurtà dwar riskji tat-terzi, (4) li ta ismu falz lill-Pulizija, (5) li naqas fi żmien sebgħa tijiem li jagħti avviż bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija tal-bejgħ jew twellija tal-istess van, (6) li saq l-istess van bid-dwal mitfija, (7) li fid-9 ta' Frar 1960 saq l-istess van meta kellu l-liċenza tas-sewqan sospiża b'sentenza tal-istess Qorti, (8) li fl-istess jiem saq van li ma kienetx liċenzjata għas-sena 1960, (9) li fl-istess jum saq van mingħajr polza tas-sigurtà dwar riskji tat-terzi, (10) u illi fl-istess jum ta ismu falz lill-Pulizija;

Bl-istess sentenza l-imputat ġie kundannat għal tliet xhur priġunija u skwalifikat milli jkollu jew jieħu liċenza tas-sewqan għal żmien sentejn minn mindu tispiċċa l-iskwalifika mposta bis-sentenza ta' dik il-Qorti tal-31 ta' Awissu 1959, u hekk miż-17 ta' Marzu 1961;

Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Pace appella mill-imsemmija sentenza, u talab li jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat ir-rikors li bih l-Attorney General talab ir-riforma tas-sentenza, fis-sens li dil-Qorti tordna lill-imputat juniforma ruħu mal-liġi skond l-art. 316 tal-Liġijiet tal-Pulizija, rigward ir-reat ta' nuqqas ta' avviż lill-Pulizija tal-akkwist ta' van;

Trattati ż-żewġ appelli;

Ikkunsidrat;

Fuq l-appell tal-imputat;

L-imputazzjonijiet taħt in-numri 1 sa 4 u 6 sa 10 jirriżultaw mill-provi;

Fuq dik tan-numru 5, li l-imputat naqas fi żmien sebgħa tijiem li jagħti bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija avviż tal-bejgħ jew twellija tal-van, irriżulta li għall-

ħabta ta' Novembru 1959 l-appellanti xtara b'konvenzjoni verbali minn għand Joseph Zammit il-van numru 1194, mingħajr ma talab fi żmien sebgħa tijiem lill-Kummissarju tal-Pulizija biex tiġi trasferita fuqu l-liċenza relattiva;

It-tieni paragrafu tar-regolament 25 tar-Regolamenti tat-Traffiku jobliga lil min ikun xtara jew ġiet lilu trasferita vettura tal-mutur li, fi żmien sebgħa tijiem mit-trasferiment, japplika bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija biex il-liċenza tkun reġistrata f'ismu u jħallas id-dritt tat-trasferiment. Hawnhekk, il-liġi bi trasferiment tifhem trasferiment tal-proprjetà;

Skond l-art. 57 u 60 tal-Kap. 68 tal-Liġijiet, it-trasferiment taħt kwalunkwe titolu ta' vettura bil-mutur għandu jsir per mezz ta' skrittura, u fin-nuqqas ma jkunx validu biex jintitola għad-dritt ta' azzjoni. Ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina fis-7 ta' Diċembru 1956 fil-kawża "Falzon vs. Tanti", illi l-iskrittura hija formalità meħtieġa "ad substantiam" tat-trasferiment, u hekk in-nuqqas tagħha jġib nullità jew ineżistenza "ipso jure" tal-istess trasferiment. L-obligu mpost bir-regolament riferit lil min ikun sar it-trasferiment jippresupponi negozju u trasferiment li jista' jkollu effetti ġuridiċi; u dan huwa obligu li joħroġ minn trasferiment legali. B'dan il-mod, darba li t-trasferiment huwa quddiem il-liġi ineżistenti, ma jistgħax ikun hemm dak l-obligu; għax tkun tonqos il-bażi tiegħu, jiġifieri ta' trasferiment li l-liġi tirrikonoxxi. Għalhekk, f'dan il-każ, quddiem il-liġi trasferiment tal-vettura ma sarx, u hekk l-appellanti ma kienx obligat jagħmel it-talba biex tiġi trasferita fuqu l-liċenza tal-van, għax ma kienx sar proprjetarju tagħha;

In kwantu għall-iskwalifika ordnata mill-Ewwel Qorti għal żmien sentejn miż-17 ta' Marzu 1961, skond l-art. 3(1) u (2) tal-Kap. 165, ċitat fis-sentenza, iż-żmien tal-iskwalifika għandu jiddekorri "from the date of the conviction";

Fuq l-appell tal-Attorney General;

Darba li, għal dak li ntqal qabel, l-imputat ma kellux l-obligu mpost bir-regolament 25 tar-Regolamenti tat-

Traffiku, ma hemmx lok għall-applikazzjoni tal-art. 316 tal-Liġijiet tal-Pulizija, mitluba fir-rikors;

**Għal dawn il-motivi;**

Tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-imputat ġie misjub ħati tal-imputazzjonijiet indikati bin-numri 1, 2, 3, 4, 6, 7, 8, 9 u 10; tirrevoka l-istess sentenza fejn l-appellanti Grazio Pace ġie misjub ħati li naqas fi żmien sebgħa tijiem li jagħti avviż bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija tal-bejgħ jew twellija tal-van, in kwantu ġie kundannat f'dan ir-rigward, tiddikjara lill-appellanti mhux ħati ta' din l-imputazzjoni, u konsegwentement tirriduċi l-piena għal dik ta' xahrejn u ħmistax il-ġurnata priġunija; tikkonferma l-perijodu ta' skwalifika mill-otteniment ta' liċenza tas-sewqan mill-appellanti kif ordnat fis-sentenza; iżda tibdel id-data tad-dekorriment tal-istess skwalifika, billi tordna li din tibda tgħodd mil-lum;

U tiċħad l-appell tal-Attorney General.